MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1140/2004

**SMS Insurance Agency Ltd (C5645) bħala aġenzija għan-nom tas-soċjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office p.l.c**
**Vs**
**Joseph Gerald Azzopardi (I.D. 435566M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fil-31 ta' Mejju, 2004 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut iħallas is-somma ta' Lm 972.41 (disgħa mija u tnejn u sebgħin lira Maltija u wieħed u erbgħin ċenteżmu) bħala ħlas dovut abbażi tal-polza ta' l-assikurazzjoni li l-konvenut kellu mas-soċjeta' attriċi.

Fl-Avviż tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlub jirrappreżenta ħlas li s-soċjeta' attriċi ġiet kosretta li tagħmel lil Citadel Insurance p.l.c. taħt il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta wara s-sentenza tal-11 ta' Ottubru, 2002 (Tribunal Talbiet Żgħar Avviż 572/02 JR)

abbażi ta’ polza ta’ l-assikurazzjoni li l-konvenut kellu mas-soċjeta’ attriċi, liema polza huwa naqas li jonera nonostante diversi nterpellazzjonijiet u għalhekk l-istess ammont imħallas huwa dovut lis-soċjeta’ attriċi mingħand il-konvenut.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta’ l-ittra bonarja tas-6 ta’ Jannar, 2004 (Dok. A) u tas-17 ta’ Marzu, 2004 (Dok. B) u bl-imgħax skond il-liġi sa l-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenut Joseph Gerald Azzopardi fejn ingħad li:-

1. In linea preliminari l-azzjoni attriċi fil-konfront tal-konvenut odjern, jekk qatt kienet vantabbli fil-konfront tiegħu, ddekadiet bil-preskrizzjoni.
2. Fit-tieni lok, il-konvenut m’għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta’ attriċi u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza bla ġudizzju.
3. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi jirriżulta li l-konvenut assigurat mas-soċjeta’ attriċi kellu nċident u dana mhux hekk biss iżda ttieħdu proċeduri kontra tiegħu u lanqas biss iddefenda l-kawża jew informa lis-soċjeta’ attriċi. Ai termini tal-kuntratt ta' assigurazzjoni a fol. 27 tal-proċess dana kien fid-dover illi jonera l-obbligazzjonijiet minnu assunti fil-konfront tas-soċjeta’ attriċi.

In vista li ġiet ottenuta sentenza fil-konfront tiegħu, s-soċjeta’ assiguratriċi kellha tħallas is-sentenza u għamel il-proċedura odjerna sabiex tirreklama l-istess flus minnha mħallsa.

Illi l-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni u li ma kellu l-ebda relazzjoni ġjuridika ma’ l-assigurazzjoni attriċi. Għar-rigward tal-preskrizzjoni l-artiklu minnu nvokat ma ġiex minnu ndikat u għal ġurisprudenza kostanti, una volta li l-

istess artiklu ma huwiex indikat it-Tribunal ma jistax jilqa’ l-istess eċċezzjoni. Fit-tieni lok eċċepixxa n-nuqqas ta’ kompetenza. Kif jirriżulta mix-xhieda ta’ Mark Axiaq a fol. 25 tal-process u għad-dokumenti minnu ndikati, jirrizulta illi din il-ġuridikazzjoni, l-konvenut fil-kawża partikolari jindika anzi illi kien biegħ il-karozza pero’, una volta li l-istess transfer jiġi approvat u l-polza ta' l-assigurazzjoni baqgħet tgħajjatlu u allura huwa l-konvenut li għandu jagħmel frontiera ta' dan.

Illi l-kwantum tad-danni ma ġiex kontestat u qed jiġi akkordat.
Jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' disgħa mija u tnejn u sebgħin lira Maltija u wieħed u erbgħin ċenteżmu (Lm972.41), bl-ispejjeż u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------